QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF

ONOR . DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A. , LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS , 19 TA' GUNJU, 2002.

APPELL NRU. 37/2002 JGD

IL-PULIZIJA

VS.

EILEEN SAID.

il-Qorti ,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti Eileen Said quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-28 ta' Settembru, 2001 , u cioe' talli fl-24 t'Awwissu, 2001 , kif ukoll fil-granet ta' wara , f' Birkirkara , meta b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti ,li kienu jiksru l-istess dispozizzjoniji tal-ligi u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda , bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi , izda biss biex tezercita jedd li kienet tippretendi li ghandha , gieghlet bl-awtorita' taghha nnifisha , lil xi hadd ihallas dejn , jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun , jew fixklet lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu , jew hattet bini , jew kisret il-mixi ta' l-ilma jew hadet ilma ghaliha , jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahlet fi hwejjeg haddiehor billi fixklet lil Raymond Said f'access tal-fond Flat 2 , St. Joseph Flats, Ganu Street, Birkirkara .

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Frar, 2002 , li biha , wara li rat l-art. 85 u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-imputazzjoni irrizultat , illiberat lill-imputata appellanti Eilenn Said taht il-provvediment ta' l-artikolu 9 tal-Kap152 tal-Ligijiet ta' Malta , bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena minn dak in-nhar .

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti tal-20 ta' Frar, 2002, fejn talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi ma ssibhiex hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u tilliberha minn kull akkuza u htija .

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor jikkonsistu filli, ghalkemm huwa minnu li hi kienet bidlet is-serratura tal-bieb tal-flat de quo, dan kienet ghamlitu jumejn wara li zewgha Raymond Said kien telaq mid-dar matrimonjali u mar joqghod go villa f ' Tal-Ibragg , li kienet destinata li kellha tkun id-dar matrimonjali. Li zewgha kien hu stess iddikjara quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li hu kien lest li jitlaq mill-flat ta' Birkirkara peress li hu kellu residenza ohra u proprju l-ghada tad-Digriet tas-Sekond' Awla hu kien telaq mill-flat de quo u ha l-hwejjeg kollha kif ukoll xi ghamara u affarijiet ohra. Li l-appellanti ma bidlitx ic-cavetta ezatt kif telaq zewgha imma halliet jumejn biex tara jergax jigi lura . Li l-appellanti ma kellha ebda mens rea sabiex tfixkel lil zewgha fl-access ghall-fond de quo imma kien hu stess li ghazel li jippriva ruhu peress li telaq b'mod permanenti mill-flat matrimonjali u mar jghix go residenza ohra.

Semghet it-trattazzjoni tal-appell u x-xiehda mill-gdid ;
Ikkonsidrat ,

Illi mill-provi irrizulta li zewg l-appellanti Raymond Said kien mar biex jidhol fil-flat fl-24 t' Awwissu , 2001 u sab li is-serratura kienet inbidlet . Wara ipprova jidhol drabi ohra u martu ma hallietux anki meta mar biex jatiha l-manteniment . Hu ghadu sal-lum ma jistax jidhol gol-flat minkejja li hemm ghad ghandu affarijiet ta' valur sentimentali fosthom l-ahhar rigali t'ommu u ta' missieru u affarijiet tal-wirt tal-gerituri tieghu u hwejjeg ohrajn ,li martu irrifjutat li tatih Hu ghalhekk irraporta lil Pulizija u wara ittiehdu il-passi odjerni. In kontro-ezami ix-xhud Raymond Said cahad li quddiem is-Sekond' Awla kien qal li ser jitlaq mid-dar u ser imur jghix fil-villa. Hu kien mar fil-villa bla ma rrinunzja ghall-jedd tieghu fuq il-flat de quo . Il-villa kienet ta' kumpanija u ma kienetx intiza li tkun id-dar matrimonjali .

Illi P.S. 508 Francis Bezzina ikkonferma li fil-31 t' Awwissu 2001 kien irceva rapport minnghand Eileen Said li ftit qabel Raymond Said kien ipprova juza il-forza biex jidhol fid-dar . Meta mar fuq il-post , hi qaltlu li hi u zewgha kienu f'kawza ta' separazzjoni u li zewgha kien telaq mid-dar u mar jghix tal-Ibragg u zewgha kellu jtiha il-manteniment fir-residenza taghha . Raymond Said kien qallu li kien hemm biex jati il-manteniment lill-martu u barra minn hekk ried jittawwal gewwa ghax allega li martu kienet qed tiffrekwenta ragel iehor izda hi oggezzjonat li hu jirfes pass wiehed il-gewwa . Dak il-hin Raymond Said kien fil-landing tal-flats ,bilqeghda mall-art.

L-appellanti Eilenn Said ammettiet li kienet bidlet is-serratura jumejn wara li zewgha kien telaq fit-22 jew 24 t'Awwissu 2001 . Zewgha kien qabad u telaq mid-dar u ha kollox mid-dar . Ma kienetx avzat lil zewgha li kienet ser tibdel is-serratura izda hu kien avzha meta kienu il-Qorti li lest li jmur jghix gol-villa Ha kollox mieghu anki l-"underwear" . Zewgha kien bidel is-serratura tal-villa fejn mar joqghod li suppost kienet intiza biex imorru jghixu fiha bhala d-dar matrimonjali . Meta hu kien bidel is-serratura tal-villa , hi kienet ghamlitlu kawza u din ghadha pendenti quddiem il-Qorti Kriminali diversament preseduta. Ma ottjenietx digriet ghall-allontanament ta' zewgha mid-dar ghax quddiem l-Imhallef tas-Sekond' Awla kien iddikjara li ser imur joqghod fil-villa u ghalhekk hi ma baqghetx tinsisti fuq dan.

Illi rrizulta li il-flat de quo kien id-dar matrimonjali u jappartjeni li-zewg konjugi Said bhala beni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnithom . Ghalhekk bla dubju ta' xejn sakemm tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti , jew sakemm ikun hemm xi ordni ta' allontanament minn dan il-fond ta' xi wahda mill-konjugi mill-Qorti kompetenti , it-tnejn ghadhom proprjetarji tal-istess u hadd minnhom ma jista' jeskludi lill-parti l-ohra mill-godiment tieghu u mill-access ghalih . Din hija l-pozizzjoni "civiliter" .

Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right" . Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali , tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :-

> "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speciali) Vol. II)

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza " Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et. " (App. Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi , u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna .
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt ;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali ;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi .

Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostitutiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir

ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenbzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu . Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz , jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850 :-

> "L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode . Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia ; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" , il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale ."

Issa fil-kaz in ezami , ma hemmx dubju li Raymond Said kellu id-dritt li jgawdi il-flat de quo larba kienet ghadha ma saritx separazzjoni bejnu u bejn martu li tassenjalha dan il-post bi proprjeta' jew uzu esklussiv . Lanqas ma kien hemm xi digriet tas-Sekond' Awla jew tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili li jallontanah mill-post de quo "pendente lite" . Illi anki jekk hu intima lill-martu u l-Avukat taghha li ser imur jghix band' ohra u cioe' fil-villa f' Tal-Ibragg , dan ma setax jigi interpretat li hu kien irrinunzja ghall-access tal-flat ta' Birkirkara. Umbaghad anki jekk martu setghet kienet in buone fede meta hasbet li dan telaq mil-flat minghajr intenzjoni li jigi lura , u ghalhekk hasset li setghet tibdel is-serratura ghax forsi hasbet li zewgha ma kienx ser isib oggezzjoni ghal dan , meta effettivament zewgha mar id-dar u wera bl-aktar mod car li ried jidhol f'daru , hi ma setghetx baqghet in buona fede u hemm zgur li fehmet li bil-fatt li qed tostakolah milli jidhol , kienet qed tfixklu fit-tgawdija tal-istess dar u meta ippersistiet bl-agir taghha li tilqghu u ma thallihx idhol anki f'okkazzjonijiet sussegwenti , anki jekk genwinament hasbet li kellha dritt taghmel dan - dritt li fil-fatt ma kellhiex , hija kienet qed tikkommetti ir-reat dedott kontra taghha u kienet taf li dan kienet qed taghmlu bid-dissens ta' zewgha.

Ta ' min isemmi ukoll ic-cirkostanza li meta qabel dan l-incident zewgha kien bidel is-serratura tal-villa, hija kienet hadet passi kontra tieghu u ghalhekk kienet taf li tali agir hu passibbli ghall-proceduri fil-Qrati kriminali u ergo il-buona fede taghha ma setghetx kienet radikata fil-fond , ghax dak li hi rat illegali fl-agir ta' zewgha - tant li istituiet passi kontra tieghu , imissu nebbaha ugwalment li dak li kienet qed taghmel hi kien ugwalment illegali . Fuq dan umbaghad ma setax jibqala' ebda dubju meta zewgha mar id-dar u baqa' jinsisti li kellu dritt li jidhol.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti jikkonkorru l-elementi kollha tar-reat dedott kontra l-appellanti kemm dawn materjali kif ukoll l-element morali .

Illi dwar il-piena , ma jidhirx li hemm lok li din tigi varjata ghax la hija barra mill-parametri legali u lanqas hija sproporzjonata fic-cirkostanzi u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha b'xi mod tiddisturba id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti .

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellatta konfermata fl-intier taghha.

(ft) J. G. Galea Debono

Paul Miruzzi
Dep/Reg.

19.06.2002